MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 142/1998/1

**Mario Borg**

**vs**

**Mini-Bus Co-op Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' April, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-koperattiva ossija socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandiex tkun ikkundannata li thallas lilll-istess attur is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti bhala danni wara li unilateralment u illegalment, f'Dicembru 1997, waqfu il-kuntratt li

dahlu ghalih mal-attur ghat-trasport ta’ tfal lejn darhom mill-iskola San Anton ta’ l-Imselliet, liema kuntratt kellu id-durata ta’ sena skolastika u li beda f’Ottubru 1997 u li kellu jittermina f’Gunju 1998.

Ghal finijiet ta’ kompetenza l-attur jiddikjara li d-danni ma jeccedux is-somma ta’ hames mitt lira Maltin.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta (fol 7 tal-istess atti u li biha eccepiet bil-qima u Dr Toni Abela ghan-nom tal-istess bil-gurament qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li dak li qieghed jitlob l-attur m’huwiex dovut skond kull ftehim li kellhom il-kontendenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 72 u fol 77 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, fix-xhieda tieghu a fol 14 et seq ibid, spjega illi bejnu w is-socjeta’ konvenuta, kien intlahaq ftehim verbali sabiex “… nittrasporta t-tifal mill-iskola (San Anton fl-Imselliet, limiti tal-Imgarr) lejn id-dar taghhom tul is-snin 1997/1998” cjoe ghas-sena’ skolastika minn Ottubru 1997 sal-ahhar ta’ Gunju 1998. In rigward dan il-ftehim, deskritt minnu bhala “… ta’ appalt”, hu kien ghamel “… l-ewwel ‘term’ shih u dan sa’ Dicembru 1997”. Pero’, hawnhekk, hu kien gie informat, permezz ta’ telefonata min ghand ‘certu Paul’, li informah illi, b’effett immedjat dan il-ftehim kien qed jigi mwaqqaf u “… li l-ftehim, b’ referenza ghalija kien ser jitkompla minn membri tal-

Koperattiva tal-Minibuses" " li taghha l-attur, li kien juza 'mini-bus' mill-bojod, ma kienx membru.

Dwar il-ftehim in kwistjoni, l-attur specifika illi "Jiena kelli nithallas a bazi ta' Lm5 kull guranta li kien jkun hemm skola". Inoltre, hu kien irrifjuta ftehim simili offrut lilu minn skola ohra meta kien accetta dak in esami li in vista li dan tal-ahhar "… kien aktar imhallas". Dwar il-hlas, il-Koperattiva kienet halsitu ghall-perjodu kollu sa Dicembru 1997 izda wara li l-istess ftehim kien gie terminat, hu kien ircieva "karta" (a fol 16 ibid) minghand l-istess Koperattiva u kien gie mitlub li jiffirmaha. Dan, filfatt, ma' kienx ghamlu fuq parir legali li kien inghata. Dwar l-istess dokument li ghadu kemm issemma u li ma giex ffirmat mill-partijiet, dan hu, filfatt, 'kundizzjonijiet tal-kuntratt" u "ghal konfini ta' dan il-kuntratt, il-membru li ser ikun maghruf bhala '<u>sub-contractor</u>' u fl-ahharnett tieghu jinghad illi ftehim bhala dan jista jigi terminat kemm mill-Koperattiva kemm mis-'sub-contractor' bl-avviz bil-miktub minn gimgha qabel.

Illi l-attur, in sostenn ta' dak pretiz minnu ipproduca diversi provi cjoe:-

a) <u>Joseph Attard</u>, inkarigat mit-traspot tal-Iskola involuta, xehed illi fil-perjodu in kwistjoni "… kien deherilna … aktar 'minibuses' milli kien hemm bzonn …".

b) <u>Raymond Micallef</u> (fol 25 et seq ibid) spjega li hu kien il-kordinatur tat-trasport tal-iskejjel u ghal dan il-ghan kien impjegat mal-istess Koperattiva. L-attur kien wiehed minn dawk li gew inkarigati mit-trasport ta' tfal mill-iskola involuta u kien wiehed minn dawk, hekk imqabbdin barra mill-Koperattiva u l-membri ta' din. Il-ftehim mal-attur kien sar verbalment u dan kellu jaghmel vjagg meta tispicca l-iskola, wara l-ikel matul is-sena skolastika 1997/1998.

Dwar hlas (ara d-dokument a fol 28 ibid) l-attur kien jithallas mill-istess Koperattiva "… bix-xahar" u skond in-numru ta' vjaggi. Sussegwentement, l-iskola involuta riedet tnaqqas l-ammont ta' "mini buses" u waqt laqgha ghall-membri biss tal-Koperattiva, fl-assenza tal-attur li ma kienx membru, din il-proposta giet accettata u ghalhekk intuzat is-sistema ta' 'last in, first out" sabiex jsir dan it-tnaqqis. Inoltre kien gie deciz illi ".. kellhom jitnehhew ghall-ewwel il-'vans' bojod (non-membri) u wara dawk homor (membri).

c) <u>Peter Paul Vella</u>, l-"accountant" tal-istess Koperattiva meta xehed (fol 40 et seq ibid) spjega illi, filfatt kellhom jieqfu tlett rotat, "… l-ebda wahda minnhom ma kienet ta' Mario Borg". Difatti l-attur kien thassarlu l-ftehim li kellu mal-Koperattiva minhabba li ma kienx membru taghha u minhabba dik is-sistema, li gja giet spjegata mix-xhud, Raymond Micallef.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi gie prodott mill-Koperattiva konvenuta:

1) <u>Mario Barbuto</u> (fol 45 et seq ibid) 'manager' tal-istess Koperattiva u dan, filatt, wara li spjega r-relazzjoni kontrattwali bejn l-iskola involuta u l-koperattiva, spjega ulterjorment dak li di gja gie spjegat mix-xhieda precedenti.

2) <u>Joseph Caruana</u> (ara 'affidavit" a fol 55 tal-atti) spjega kif fl-istess zmien in esami, hu kien membru tal-Koperattiva izda u cjononostanti, hu kien gie informat illi "… l-vjagg tieghu kien spicca …" ghall-istess ragjuni moghtija a bazi tal-istess kriterji applikati, fil-konfront tal-attur (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Joseph Farrugia</u> skond l-'affidavit' a fol 56 ibid).

3) <u>Joseph Attard</u> (fol 63 et seq ibid) "qua" involut fl-amministrazzjoni tal-istess skola spjega, b'mod aktar dettaljat, dwar ir-razjonalizzazjoni jew tnaqqis, tnehhija ta' certi rotot fis-sena' skolastika

involuta (ara b'mod partikolari <u>l-ittra</u> a fol 67 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher li l-Koperattiva konvenuta kienet ftehmet mal-attur, sabiex fis-sena' skolastika, msemmija dan, jittrasporta tfal mill-Iskola involuta lejn darhom. Minn noti rispettivi tal-partijiet, jidher li dawn ma' jaqblux dwar in-natura tal-ftehim in esami. Difatti jidher illi l-attur jsostni illi trattasi ta' wiehed ta' appalt waqt li l-koperattiva konvenuta, qed tghid illi trattasi ta' kuntratt ta' ghoti ta' servizz. Dwar dan il-Qorti hi tal-fehma kif qed issostni s-socjeta' konvenuta illi dan il-kaz ma hux wiehed ta' appalt kif regolat mill-artikolu 1633 sa 1643 tal-Kodici Civili stante li dan il-ftehim jinvolvi xoghol jew xogholijiet partikolari u l-esekuzzjoni ta' dawn u mhux servizz, bhal fil-kaz in desamina. Difatti l-kaz in desamina fl-opinjoni ta' din il-Qorti jinvolvi l-obbligu ta' ghoti ta' <u>servizz</u> da parti tal-attur u mhux l-esekuzzjoni ta' xi bicca xoghol partikolari per esempju, l-kostruzzjoni ta' bini, jew parti minnu inkella l-ghemil ta' ghamara. Ghalhekk din il-Qorti hi propensa li tikkonsidra dan il-ftehim bhala wiehed li jinkwadra ruhu skond l-artikolu 1626(b) ossija dak li jinvolvi vettura li jinkarigaw ruhhom ghall-garr bl-art, tan-nies.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan premess, l-istess Qorti trid tara jekk, a bazi tat-talba in esami hemmx dovut danni lill-attur minhabba it-thassir tal-ftehim da parti tal-Koperativa konvenuta.

Illi hu cert illi f'kaz ta' ksur ta' ftehim jistghu jkunu involuti danni <u>kontrattwali</u>.

Illi, f'dan il-kaz, ma ngiebet ebda prova illi l-ftehim imsemmi thassar mill-Koperattiva konvenuta minhabba xi nuqqas da parti tal-attur fl-

esekuzzjoni tieghu. Fil-fatt il-partijiet jaqblu illi l-ftehim gie mhassar unilateralment mill-Koperattiva konvenuta minhabba, dak li gie premess hemm fuq u kien jinvolvi r-relazzjoni bejn l-istess Koperattiva u l-Iskola involuta.

Ikkunsidrat

Illi, in atti, hemm esebit a fol 16 kampjun ta' ftehim bejn il-Koperattiva u l-membri taghha bhala 'subcontractors' certament dan il-ftehim, li ngieb a konjizzjoni tal-attur wara li gie mhassar l-istess ftehim, ma hux applikabbli ghal kaz in desamina in vista li l-attur ma kienx membru tal-Koperattiva u lanqas ma ffirmah. Ghalhekk, il-klawsoli hemm imnizzlin, fosthom dik tat-terminazzjoni tal-ftehim "… b'avviz bil-miktub minn gimgha qabel" ma humiex applikabbli f'dan il-kaz u ma kienux jorbtu bl-ebda mod lill-attur. L-istess ghandu jinghad dwar xi "policy" li kienet thadden il-koperattiva u li ssemmiet waqt is-smiegh tal-provi, peress li l-attur ma' kienx membru taghha.

Ikkunsidrat

Illi kollox, jindika u jwassal ghall-konluzjoni li l-attur ghandu jigi risarcit minhabba l-ksur kontrattwali fil-konfront tal-attur liema risarciment ghandu jirreferi ghat-telf ta' qliegh li sofra l-attur. Dwar il-likwidazzjoni ta' dawn id-danni, il-Qorti ikkonsiderat illi l-attur bejn Jannar u Gunju tal-1997, kien ser jdahhal "gross" is-somma ta' Lm550 bir-rata ta' Lm5 ghal kull jum lavorattiv ossija pressapoco, ghal 110 jum ta' xoghol effettiv. Min din is-somma ghandhom jitnaqqsu l-ispejjes li kien jinkorri l-attur sabiex jesegwixxi x-xoghol ta' transport. Dwar dan, pero', ma ingiebet ebda prova u ghalhekk il-Qorti ser tillikwida din is-somma "arbitrio boni visi" fl-ammont ta' Lm250.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-Koperattiva konvenuta sabiex

> thallas lill-attur is-somma ta’ Lm250 ossija €582.34 bl-imghax legali mit-28 ta’ Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta’ din il-procedura.**”**

Il-kumpanija konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravji f’din l-ordni:-

1. Ma kienx hemm kuntratt ta’ appalt u dan lanqas ma gie ppruvat. Jikkonsegwi ghalhekk illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tesorbita mill-indoli ta’ l-azzjoni u l-parametri tat-talba biex tiddeciedi l-kawza ghab-bazi ta’ kawzali differenti minn dik prospettata mill-attur;

2. Hi agixxiet in *buona fede* meta waqqfet il-kuntratt ghaliex dan hekk sar fuq l-istruzzjonijiet ta’ l-Iskola San Anton li lilha kienet tipprovdi l-garr tat-tfal. Fil-kaz ta’ l-attur, imbaghad, hi applikat il-principju stabbilit fil-qasam tal-ligi tax-xoghol, ossija l-principju “*last in, first out*”;

3. Il-Qorti ma kellhiex tipprovdi ghad-dekorriment ta’ l-imghax ghaliex talba ghalihom ma gietx dedotta. F’kull kaz zgur mhux mit-28 ta’ Jannar, 1998 ghaliex l-attur ma talabx somma specifika izda danni “*da liquidarsi*”, ghal liema japplika l-principju *“in illiquidis non fit mora*”;

Il-konsiderazzjonijiet li jitnisslu mill-analisi ta’ l-ewwel motiv ta’ aggravju huma dawn li jsegwu:-

(1) In linea ta’ riflessjoni generali jigi osservat illi kull klassifikazzjoni rigida li talvolta l-partijiet, jew xi hadd minnhom, jaghtu lir-rapport ta’ bejniethom ghandha r-riskju li ma tiehux kont xieraq tar-realta` li fih jinserixxi ruhu r-rapport u, l-aktar, dak tal-prestazzjoni u ta’ l-ezekuzzjoni tieghu fil-konkret. Huwa ghaldaqstant necessarju illi l-interpretu ma jinfatamx minn dik il-klassifikazzjoni u, anzi, jikkonsidra n-natura vera tal-kuntratt, il-kwalita` tal-kontraenti u dawk tal-mezzi disponibbli ghal fini ta’ l-adempiment. Fil-hsieb tal-Qorti,

hu biss f'din il-perspettiva li wiehed jista' adegwatament jevalwa l-effikacja kawzali tan-negozju guridiku;

(2) Indubbjament, imbaghad, id-decizjoni hi determinata fuq il-bazi tal-kwalifikazzjoni tar-rapport kontrovers kif maghmul mill-Qorti. Dan, indipendentement, minn *nomen juris* attribwit lill-azzjoni *de quo* minn min ipproponiha. Kif tajjeb rilevat, "ghalkemm il-partijiet jaghtu lill-ftehim taghhom xbiha ta' figura guridika, hija l-Qorti li ghandha tara fil-fatt x'ghamlu, u fuq is-sustanza li tirrizulta tapplika n-*nomen juris* u l-ligi" ("**Robert Borg -vs- Francesco Abela**", Appell Kummercjali, 16 ta' Dicembru, 1949). Fil-kaz prezenti l-figura guridika tal-ftehim giet rettament valutata mill-ewwel Qorti in bazi ghall-fatti prodotti u ghad-disposizzjoni relattiva tal-ligi inerenti ghal-*locatio operis*;

(3) Evidentement, ix-xorta ta' ftehim bejn il-partijiet kien wiehed ta' kuntratt, ossija ta' sotto-kuntratt, li permezz tieghu l-attur kellu jipprovdi ghat-trasport tat-tfal ta' l-iskola ghall-istagun skolastiku 1997/1998. Ftehim bhal dan kien jirrientra fil-parametri tad-definizzjoni li l-Kodici Civili, ex-Artikolu 1623, jaghti lill-kuntratt ta' kiri ta' xoghol u ta' industrija. Huma tipici ta' din il-fattispeci, fost ohrajn, il-kuntratti ta' appalt u tal-vetturali (Artikolu 1626, Kodici Civili), ankorke b'dixxiplina partikolari ghalihom. Dak li jghaqqadhom flimkien huwa l-fatt li fihom l-obbligazzjoni hi dejjem wahda *di fare*;

(4) Issa hu veru sa certu punt dak sottomess mis-socjeta` appellanti illi l-indoli ta' azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri u li l-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali kif dedotti. Dan huwa hekk in bazi ghar-ragonament li jinzel mit-tifsira u l-portata ta' l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 ghall-procedimenti fil-Qrati Superjuri. Ukoll hawn, pero`, wiehed irid ifakkar illi kif jinzel minn gudikati anke tas-seklu dsatax, dik l-istess disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex tigi interpretata lanqas b'eccessiva rigidita`. Hekk, ad ezempju, inghad illi "*l'indole di una azione non devesi tanto desumere dalle espressioni, piu` o meno esatte, onde è formulato la domanda, quanto dal suo oggetto e dallo scopo a cui*

*tende. Quindi è necessario esaminare attentemente i fatti che hanno dato origine al giudizio per determinare se l'attore abbia voluto proporre un'azione piuttosto che un altra, e cio` che tassattivamente si pretende il convenuto*" ("**Lloyd -vs- Scicluna**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Frar, 1899). Fil-kaz in disamina anke kieku wiehed kellu joqghod ghat-termini ta' l-Avviz m'ghandux isib diffikolta biex jiddetermina illi t-talba hi wahda dikjaratament ghad-danni minhabba t-temm unilaterali mis-socjeta` konvenuta tal-kuntratt ta' trasport;

(5) Terga' f'dan il-kaz, trattasi ta' azzjoni introdotta fil-Qorti Inferjuri, lanqas ma kienx hemm il-htiega ta' xi kawzali specifika in vista ta' dak li jinsab provvdut fl-Artikolu 171 (1) tal-Kodici ritwali. Hemm, imbaghad, ukoll il-provvediment esplicitu ta' l-Artikolu 213 ta' l-istess Kodici li jahseb illi fejn ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors (jew l-Avviz skond id-dixxiplina normattiva qabel l-emendi) izda jigi pruvat jedd iehor ghad li dan ma jkunx jidhol sew fit-talba originali, il-qorti tista' dejjem tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat fuq l-istess rikors;

(6) Finalment, fuq il-punt hawn dibattut ghalkemm hu veru illi, kif ritenut mis-socjeta` appellanti u accettat ukoll mill-ewwel Qorti, il-kontrattazzjoni *de qua* ma kienetx wahda strettament ta' appalt, eppure it-temm unilaterali tal-kuntratt ta' *locatio operis*, in partikolari dak tas-servizz ta' trasport, jippartecipa bejn wiehed u iehor mill-istess regim *ad nutum* taht l-appalt (Artikolu 1640). Fiz-zgur, b'applikazzjoni tal-principju generali tad-dritt in materja ta' obbligazzjoni taht il-Kodici Civili, senjatament l-Artikolu 1135 tieghu relattiv ghax-xorta ta' danni li ghandhom jithallsu. Hekk fil-kaz in ispecje, il-qliegh indennizzabbli mankat jikkonsisti mill-utili li l-vettural seta' jottjeni fil-kaz ta' kontinwita tas-servizz tal-garr;

Spjanat it-terren mill-ewwel aggravju, hekk infondat, l-ipotesi ssuggerita mis-socjeta` appellanti bit-tieni aggravju lanqas ma hi sostenibbli. Ibda biex, ma jidherx li tista' tkun accettabbli l-proposizzjoni tal-principju adottat "*last in*

*first out*" in kwantu fil-*locatio operis* il-prestazzjoni hi wahda awtonoma u qatt subordinata bhal fil-kaz ta' kuntratt ta' impjieg. Fit-tieni lok, is-socjeta` appellanti ma tistax issib suffragju fuq il-fatt tat-terz, ossija tal-kapijiet ta' l-Iskola San Anton. Dan ghaliex, kif jirrizulta mill-provi, fl-ahhar mill-ahhar l-ghazla li tittermina l-kuntratt tal-garr ta' l-appellat ghamlitha hi, u jekk dehrilha li l-ewwel kellha twaqqaf is-servizz tal-vetturali li ma kienux membri taghha, jew anke minghajr din ir-raguni, dik l-ghazla taghha ma kellux ikollha konsegwenzi ghat-tutela tad-drittijiet ta' l-appellat fil-konsegwiment tal-pretensjoni tieghu;

Hemm qbil mat-tielet u l-ahhar motiv ta' aggravju avvanzat mis-socjeta` appellanti. Gie minn zmien antik stabbilit mill-Qrati illi "*in illiquidis non fit mora*". Massima din li, salv certi eccezzjonijiet, tfisser illi l-imghaxijiet ma ghandhomx jibdew jghaddu hlief mill-jum tas-sentenza li tkun illikwidat is-somma tad-danni. Ara "**Victor Savona *proprio et nomine* -vs- Dr. Peter Asphar *et***", Qppell Civili, 23 ta' Gunju, 1952. Kien jinkombi fuq is-socjeta` appellanti li thallas l-ammont tas-sorte la ma tqajjem l-ebda ilment fuq il-likwidazzjoni tieghu jew, alternattivament, li tiddepozitah taht l-awtorita` tal-Qorti biex hekk tezimi ruhha minn kull reponsabilita`, salv dik il-parti tas-sentenza li kkundannata thallas l-imghax, kif fil-fatt ghamlet. La ma saretx il-wahda u lanqas l-ohra l-imghax ghandu jibda jghaddi mid-data ta' l-ewwel sentenza tal-Qrati Inferjuri, b'din is-sentenza kkonfermata. Ara f'sens konformi d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Marzu, 1998 fl-ismijiet "**Josephine Schembri *et* -vs- Nathalie Navarro**".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi tirrespingi l-ewwel zewg aggravji. Tilqa' t-tielet aggravju u b'hekk tvarja s-sentenza appellata billi taghmel li l-imghax fuq is-sorte jibda jghaddi mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti (27 ta' April, 2009). L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------